# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-22 ta' April 2024**

**Talba nru. 365/2021 IS**

**GASANMAMO INSURANCE LIMITED (C 3143) HEKK KIFF SURROGATA FID-DRITTIJIET TAL-ASSIKURAT TAGĦHA MICHAEL MAGRO SIJA BIL-POLZA U SIJA BIL-LIĠI U L-ISTESS MICHAEL MAGRO (I.D. 103869 (M))**

***VERSUS***

**MAHMOUD ABDULAZEZ (I.D. 152979 (L))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fid-29 ta' Diċembru 2021 (a fol. 1 u 2), l-atturi talbu l-ammont ta´ seba' mija u disgħa u sebgħin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 779.95) rappreżentanti danni sofferti mill-atturi fir-rigward tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ACO 224 kif ukoll l-imgħax legali u l-ispejjeż.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tal-11 ta' Marzu 2022 fejn l-atturi ġew awtorizzati jipproċedu bin-notifika tal-konvenut (a fol. 3 u 4).

Ra illi l-konvenut ġie debitament notifikat bil-proċedura tal-affissjoni fl-1 ta' Awwissu 2022 u fl-24 ta' Lulju 2023 (a fol. 22 u 24).

Ra illi saret ukoll fil-kompletezza tagħha il-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni mill-atturi

Ra illi l-konvenut ma ppreżenta ebda risposta u/jew kontro-talba u anqas deher għas-seduta wara li ġie innotifikata b'dan illi waqa' fi stat ta' kontumaċja.

Ra illi l-atturi ippreżentaw il-kapitoli fil-konfront tal-konvenut (a fol. 51).

Ra illi saret seduta oħra fil-11 ta' Marzu 2024 għas-subizzjoni tal-konvenut b'dan illi l-konvenut għal darb'oħra naqas milli jidher (a fol. 99).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Mill-provi u xhieda prodotti jidher ċar l-attur Michael Magro kellu l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ACO 224 bil-polza tal-assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* mas-soċjeta' attriċi meta seħħ l-inċident, u dan skond iċ-ċertifikat tal-insurance li jinsab a fol. 61 u 62.

Dan it-Tribunal innota wkoll illi l-konvenut kien notifikat iżda l-konveut ma ressaq ebda risposta u/jew kontro-talba f'dan il-każ u anqas deher għas-seduta li kien imiss wara li kien hekk innotifikat.

Il-Kontumaċja tal-Konvenut

Hekk kif għadu ġie rrimarkat hawn fuq, jidher mill-proċess illi l-konvenut ma ressaq ebda risposta u/jew kontro-talba u anqas deher għas-seduta li kien imiss wara li kien hekk innotifikat b´dan illi jwassal illi l-konvenut hu fi stat ta´ kontumaċja.

It-Tribunal josserva illi l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-atturi da parti l-konvenut iżda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. F'każ ta' kontumaċja jibqa' l-oneru fuq l-atturi li jressqu provi sal-grad ta' probabbilità u li jressqu l-aħjar prova. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). L-istess intqal fis-sentenza ***Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit- 22 ta' Ġunju 2005:

> "*huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut*. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35"

Inoltre´, fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs. Brian Mizzi et noe***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 1996 ingħad:

> "*Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li*

*jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta ttalba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta' Jannar 1991:*

*"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika. Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""*

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem l-Onorabbli Qorti jew Tribunal (ara **Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

<u>L-Azzjoni tal-Atturi</u>

L-atturi ippreżentaw kopja tar-rapport tal-Pulizija li tinsab a fol. 56 sa 59 u dokumenti oħra li juru ċar u tond x'ġara sabiex il-vettura tal-attur Michael Magro ġarrbet il-ħsara flimkien mal-irċevuti rispettivi illi jinsabu a fol. 60 sa 96 b'dan illi ma jħallu ebda dubju dwar il-ħsarat illi l-vettura tal-attur Michael Magro ġarrbet.

Ukoll, għalkemm il-konvenut baqa' kontumaċi, jidher mir-rapport tal-Pulizija, liema parti tinsab a fol. 58, illi l-konvenut irrapporta ġewwa l-Għassa tal-Qawra "*fejn hemm inatha d-dritt tal-avukat fejn hemm iffirma li qieghed jirrinunzja dan id-dritt. PR stqarr li kien qieghed jiksi u ra persuna isfel fejn qallu biex jinzel fejnu. PR nizel u kien hemm il PFR qallu li ghandu xi titjir tal kisi. Hemm qallu li issa inaddaflu il vettura tieghu u beda ifarfar ic-cement min fuq il vettura tieghu fejn hemm mar kollu ma ma baqax jidher fil prezenza ta Michael Magro. Hemm imbad il PFR kellem mal PR fejn qallu li ghandu daqxejn zeba imtajra tal-karozza. PR qallu ara xi spejjes hemm u nirangalek*." Fuq dan l-imsemmi rapport tela' jixhed PC 387 u ħalef il-kontenut tal-imsemmi rapport fit-28 ta' Frar 2024, u liema xhieda tinsab a fol 52, b'dan illi għaldaqstant dan it-Tribunal m'għandu ebda dubju f'moħħu illi l-konvenut hu responsabbli għad-danni sofferti minn Michael Magro fuq il-vettura tiegħu hawn fuq imsemmija.

Ir-rapport tal-Pulizija ukoll jindika illi "*PFR iffirma waiver fejn ma jridx jiehu passi fil confront tal PR*" (a fol. 58) b'dan illi pero' tali rinunzja ma tinsabx fil-proċess u ukoll meta l-attur Michael Magro xehed fit-28 ta' Frar 2024, liema xhieda tinsab a fol. 53 u 54, ma xehed xejn fuq l-imsemmija rinunzja. B'dan illi pero' l-attur xehed illi fil-fatt ħallas mitt Ewro (Eur 100) bħala *excess payment* u tali ammont ma hux parti mit-talba tal-atturi u allura jidher li fil-fatt kien hemm tali rinunzja. Ġjaladarba hemm tali rinunzja, dan it-Tribunal hu tal-fehma illi l-ammont ta' sitt Ewro u disgħa u disgħin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 6.99) sabiex l-attur Michael Magro ġabar kopja tar-rapport tal-Pulizija għandhom jitnaqsu mit-talba atturi *stante* illi tali irċevuta hi maħruġa

fuq isem l-attur Michael Magro fejn kopja tagħha tinsab a fol. 67.

**B'dan illi għaldaqstant, dan it-Tribunal hu tal-fehma illi l-konvenut hu obbligat illi jħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' seba' mija u tnejn u sebgħin Ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 772.97).**

Imgħax

Fl-avviż tat-talba, l-atturi wkoll jirreferu għall-imgħax. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, jidher illi tali obbligazzjoni safejn tolqot lis-soċjeta' attriċi hija ta' natura kummerċjali skond Artikolu 5 (e) il-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'dan illi għaldaqstant fir-rigward tal-ammont ta' seba' mija u tnejn u sebgħin Ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 772.97). B'dan illi għaldaqstant, għandu japplika is-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 1141 hawn imsemmi. B'dan illi pero' fl-avviż tat-talba l-atturi sostnew illi l-konvenut għandu jkun obbligat illi jibda jħallas l-imgħax mill-11 ta' Mejju 2021, u ċioe' mid-data tal-ittra uffiċċjali illi l-atturi bagħtu lill-konvenut, u mhux minn meta seħħet tali ħsara fuq il-vettura tal-attur Michael Magro. Għaldaqstant, tali imgħax beda jiddekorri mill-11 ta' Mejju 2021 u tali imgħax jibqa' jiddekorri sakemm isir il-ħlas effettiv. B'dan ukoll illi l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) ikun applikabbli. L-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) hu dak l-ammont ipprovdut fil-Kodiċi Ċivili illi għandu japplika, sakemm il-partijiet ma jiftiehmux fuq ammonti inqas jew sakemm ma tkunx applikabbli il-leġiżlazzjoni sussidjarja 16.06, u liema żewġ eċċezzjonijiet ma japplikawx f'dan il-każ.

Spejjeż legali inkorsi mill-atturi oltre' tali talba

Is-soċjeta' attriċi ippreżentat kopja tal-ittra legali datata 19 ta' Frar 2021 li tinsab a fol. 95 u kopja tal-ittra uffiċċjali datata 11 ta' Mejju 2021 li tinsab a fol. 96.

Ġjaladarba dan it-Tribunal sab illi l-konvenut hu obbligat iħallas l-ammont hawn fuq surrefit lis-soċjeta' attriċi, l-atturi għandhom ikunu wkoll hekk rimborsati mill-konvenut fir-rigward tat-tali spejjeż.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi għall-ħlas mill-konvenut għall-ammont ta´ seba' mija u tnejn u sebgħin Ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 772.97) bl-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) li beda jiddekkorri mill-11 ta' Mejju 2021 u tali imgħax jibqa' jiddekorri sakemm isir il-ħlas effettiv kif ukoll l-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċċjali datata 11 ta' Mejju 2021.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-konvenut.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur